MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 339/2018 LM

**L-Avukat Dottor Cedric Mifsud (K.I. 196979M), għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Versilia Supply Service S.r.l., bl-indirizz Via M Coppino 423-55049, Viareggio, Italja**

***vs.***

**Il-Bastiment M/Y Indian Empress reġistrat ġewwa r-Renju Unit bin-numru uffiċjali 737855 u numru tal-IMO 1006245**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' April, 2018 mill-**Avukat Dottor Cedric Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera VSS Versilia Supply Service S.r.l.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-Bastiment intimat M/Y Indian Empress huwa yacht reġistrat taħt il-bandiera marittima tar-Renju Unit li għandu n-numru uffiċjali tar-reġistrazzjoni 737855 u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) 1006245 (Ċertifikat tar-Reġistru tar-Renju Unit għall-bastiment M/Y Indian Empress hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);*

2. *Illi s-soċjetà estera VSS Versilia Supply Service S.r.l. reġistrata ġewwa l-Italja, bl-indirizz Via M Coppino, 423-55049, Viareggio, l-Italja, pprovdiet numru ta' proviżjonijiet lill-bastiment M/Y Indian Empress bejn Awwissu u Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

3. *Illi d-diversi proviżjonijiet forniti lill-bastiment M/Y Indian Empress, u spejjeż oħra inkorsi mis-soċjetà rikorrenti in konnessjoni mal-bastiment intimat jaqgħu taħt l-Artikolu 742B (o) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi s-soċjetà rikorrenti ħarġet disa' fatturi għal dawn l-imsemmijin servizzi. Komplessivament dawn il-fatturi, li jirriflettu s-servizzi mogħtija lill-bastiment intimat, jammontaw għas-somma ta' sittax-il elf, mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€16,157.99) u dana kif provdut mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B, Dok. Ċ, Dok. D, Dok. E, Dok. F, Dok. G, Dok. H, Dok. I, u Dok. J;*

5. *Illi l-imsemmijin fatturi ġew aċċettati mill-bastiment intimat u/jew rappreżentanti tiegħu u ma kienx hemm l-ebda kontestazzjoni illi ġiet imqajma mill-bastiment intimat dwarhom;*

6. *Illi minkejja l-fatt illi s-soċjetà rikorrenti interpellat diversi drabi lill-bastiment intimat u/jew rappreżentanti tiegħu sabiex jersqu għall-ħlas tal-fatturi relattivi, huma baqgħu inadempjenti u sal-ġurnata tal-lum dan l-ammont għadu ma ġiex rimorsat lis-soċjetà rikorrenti. Għaldaqstant, il-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' sittax-il elf, mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€16,157.99);*

7. *Illi inoltre, din il-pretensjoni tar-rikorrenti nomine fil-konfront tal-bastiment intimat hija koperta bi privileġġ speċjali ai termini tal-Artikolu 50(g) u/jew (m) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-imsemmi ammont ta' sittax-il elf, mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€16,157.99) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment intimat lis-soċjetà rikorrenti u għalhekk fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fl-umili fehma tal-istess rikorrenti nomine, il-bastiment*

*intimat ma għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

*Jgħid għalhekk il-bastiment intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Tiddikjara illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti Versilia Supply Services S.r.l. fis-somma ta' sittax-il elf, mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€16,157.99) għal numru ta' proviżjonijiet forniti lill-istess bastiment M/Y Indian Empress;*
3. *Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas lis-soċjetà rikorrenti Versilia Supply Service S.r.l. is-somma ta' sittax-il elf, mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€16,157.99) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

   *Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-bastiment intimat li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat id-Digriet tagħha tat-23 ta' April, 2018, fejn wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-smigħ għall-10 ta' Mejju, 2018, b'ordni lill-**Bastiment M/Y Indian Empress** (minn issa 'l quddiem "il-bastiment konvenut") sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjeta attriċi u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Rat li l-bastiment konvenut ippreżenta nota ta' ammissjoni fis-seduta li nżammet fl-10 ta' Mejju, 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Decide**

**Fl-ammissjoni tal-konvenut il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiddikjara illi l-bastiment konvenut M/Y Indian Empress huwa debitur tas-soċjetà attriċi Versilia Supply Services S.r.l. fis-somma ta' sittax-il elf, mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€16,157.99) għal numru ta' proviżjonijiet forniti lill-istess bastiment M/Y Indian Empress;**

2. **Tikkundanna lill-bastiment konvenut M/Y Indian Empress biex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sittax-il elf, mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€16,157.99), dovuti lis-soċjetà attriċi għad-diversi proviżjonijiet forniti lill-bastiment konvenut, u servizzi oħra pprestati;**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet dovuti kif dedotti fir-rikors maħluf kontra l-bastiment konvenut M/Y Indian Empress.**

Moqrija.